MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 340/2013

**Mario Fenech et**
**Vs**
**Susan Ehrhardt**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-atturi ppremettew illi l-konvenuta kienet tikri minghand l-atturi l-fond, Flat No 2, 18, Gretna Green, Triq l-Imsell, Mellieha.

Illi meta l-konvenuta ma baqghetx tirrisjedi gewwa l-fond imsemmi kien ghad hemm pendenti kontijiet ghal-konsum ta' dawl u ilma da parti tal-konvenuta li jammontaw ghall-hames mija u disa' u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€569.96c).

Illi minkejja li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi mill-atturi sabiex thallas is-somma ta' hames mija u disa' u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€569.96c) hija baqghet inadempjenti u dan minkejja d-diversi weghdiet ta' hlas da parti taghha.

Illi l-konvenuta giet interpellata permezz ta’ ittra ufficjali ai termini ta’ l-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta da parti tal-istess atturi izda din l-ittra giet opposta mill-istess konvenuta.

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-atturi umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundana lil konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ hames mija u disa’ u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€569.96c) ) flimkien ma l-imghax dekoribbli skont il-ligi kif ukoll l-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali numru 161/2013 u l-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-15 ta’ Lulju, 2013 mill-Avukat Franco Galea u l-fatt li li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal- atturi fis-somma ta’ hames mija u disgha u sittin ewro u sitta u disghin centezmu (€569.96)  flimkien ma l-imghax dekoribbli skont il-ligi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv; kif ukoll l-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali numru 161/2013 u l-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------